KUNSILL LOKALI – TA' SANNAT – LOCAL COUNCIL

*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 53 - 2016

Data: It-Tnejn, 8 ta' Awwissu 2016

Hin: 12.35 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:3

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 2

Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera (ma tiflaħx)*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ (Assenti)*

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Permessi ta' xogħoljiet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

## Minuti – 53 – 2016 (Laqgħa b'urġenza)

## 1. Permessi ta' xogħoliet ta' trinek fit-toroq f'Ta' Sannat

**1.1** Din il-laqgħa bdiet fin-12.35 p.m. b'talba.

Permess ta' xogħolijiet ta' trinek fit-toroq minn Solar Power

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza peress li s-Segretarju Eżekuttiv kien informaħ li l-Kunsill kien irċieva tlett notifiki bis-sistema tar-Road Permit System bin-Numri RWP1-1044/16 għal Triq il-Kbira, Triq Ta' Saguna, Triq it-Tin u Triq l-10 ta' Ottubru 1942, RWP1-1045/16 għal Triq il-Kalkara tal-Ġir u Triq ta' Bardan u RWP1-1048/16 għal Triq Tal-Lewż, minn Anthony Paul Saliba o.b.o. Solar Engineering Ltd. bil-Kuntrattur Road Construction Ltd. Dawn applikaw biex jgħaddu high tension cables minn dawn it-toroq imsemmija għal sistema photo voltanic substation fejn biex isir dan ix-xogħol dawn ser jqattgħu parti mill-wiċċ ta dawn it-toroq imsemmija biex isiru it-trinek, u li minn dawn it-toroq hemm minnhom li għandhom wiċċ b'tarmak ġdid. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv fil-feedback ta dawn il-permessi b'konsultazzjoni mas-Sindku fil-kummenti, kkumentaw li l-Kunsill qed joġġezzjona u li l-Kunsill qed jitlob laqgħa fuq din il-materja mas-Sur Saliba. B'hekk il-Kunsill kien ser isir jaf eżatt x'ser isir. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ltaqgħu mas-Sur Saliba fejn dan spjega l-proġett. Il-Kunsill kien jaf li f'din l-area hemm tlett farms u li r-residenti ta din iż-żona għandhom problema kbira u li ma hemmx stabilta fis-saħħa tal-eletriku li dwar dan l-EneMalta kienet infurmata. Waqt din il-laqgħa mas-Sur Saliba, s-Sindku kien talab biex din it-trinka minn flok tgħaddi minn Triq l-10 ta' Ottubru 1942 li hi triq b'wiċċ ġdid bit-tarmak u li saret f'Lulju tas-sena 2015, tgħaddi minn Triq Ġerxija li hija triq fi stat ħażin ħafna. Dan bil-kundizzjoni li Triq Gerxija tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak. Is-Sindku qal li biex isir dan għandu jsir agreement bil-miktub mas-Sur Saliba u l-Kunsill. Il-Kuntrattur qabel ma dan kollu u qal li hu għandu jkellem lill-Avukat tiegħu dwar dan l-agreement. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li huma talbu wkoll l-għajnuna tal-Avukat u tal-Perit tal-Kunsill dwar dan. Il-Perit tal-Kunsill intalab biex isiru speċifikazzjonijiet apposta biex jidħlu f'dan l-agreement mħejji mill-Avukat. Is-Sur Saliba qed jitlob li l-livelli ta' Triq Bardan isiru mill-Kunsill. Meta s-Sindku staqsa lill-Perit x'ser tkun l-ispiża għal dan ix-

xogħol il-Perit qal li ma hemmx ħlasijiet kbar.

Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill preżenti. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni biex ma jsirux xogħolijiet fl-istess żmien peress li suppost għandha ssir il-kumplament ta' Triq Ta' Ċenċ biex b'hekk lir-residenti Ta' Sannat ma noħolqulhomx inkonvenjent bla bżonn.

Il-laqgħa ntemmet fis-1.00 p.m.

| | |
|---|---|
| ***(iffirmata)*** | ***(iffirmata)*** |
| ***Philip Vella*** | ***Jason Curmi*** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Data: 22 ta' Awwissu 2016